



Brussell, 29 ta' Mejju 2026  
(OR. en)

9028/26

LIMITE

CORLX 446  
CFSP/PESC 661  
CONOP 26  
CONUN 72  
MAMA 116

**ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2024/1984 b'appoġġ għall-Ippjanar Tranżizzjonali Istituzzjonali għal Missjonijiet Mhux ta' Rutina u Kapaċitajiet Investigattivi tal-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW)

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2026/...**

**ta' ...**

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2024/1984 b'appoġġ għall-Ippjanar  
Tranżizzjonali Istituzzjonali għal Missjonijiet Mhux ta' Rutina u Kapaċitajiet Investigattivi  
tal-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28(1) u 31(1)  
tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-  
Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fil-15 ta' Lulju 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/1984<sup>1</sup>, li tikkonċerna l-appoġġ tal-Unjoni għall-ippjanar tranżizzjonali istituzzjonali għal missjonijiet mhux ta' rutina u għall-kapaċitajiet investigattivi tal-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (l-“OPCW”).
- (2) Fit-13 ta' Marzu 2026, l-OPCW talbet estensjoni mingħajr kostijiet tal-applikazzjoni tad-Deċiżjoni (PESK) 2024/1984 sat-30 ta' Settembru 2027 sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tal-appoġġ, il-programmazzjoni u l-finanzjament tal-Unjoni u biex l-OPCW tkun tista' tlesti kompletament it-tweġġiq tal-attivitajiet oriġinali maħsuba skont dik id-Deċiżjoni.
- (3) Bidla politika u operazzjonali eċċezzjonali u mhux antiċipata fir-Repubblika Għarbija Sirjana rriżultat f'aktar kooperazzjoni bejn il-gvern tranżizzjonali l-ġdid u l-OPCW. Is-Segretarjat tal-OPCW esperjenza wkoll żieda fl-għadd ta' talbiet għal missjonijiet speċjali relatati ma' allegazzjonijiet tal-użu ta' armi kimiċi f'kunflitti oħrajn li għaddejjin bħalissa, inkluż fil-każ tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.
- (4) L-estensjoni tal-applikazzjoni tad-Deċiżjoni (PESK) 2024/1984 tippermetti lill-OPCW tiffinalizza l-oġettivi u l-attivitajiet stabbiliti fid-Dokument tal-Proġett imsemmi f'dik id-Deċiżjoni.
- (5) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2024/1984 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/1984 tal-15 ta' Lulju 2024 b'appoġġ għall-Ippjanar Tranżizzjonali Istituzzjonali għal Missjonijiet Mhux ta' Rutina u Kapaċitajiet Investigattivi tal-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW) (ĠU L, 2024/1984, 16.7.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2024/1984/oj>).

*Artikolu 1*

Fl-Artikolu 5(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2024/1984, it-terminu “24 xahar” huwa sostitwit bit-terminu “36 xahar”

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi..., ...

*Għall-Kunsill*

*Il-President*